**24 ta' Ġunju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Vincent Grima, Mario Camilleri u Carmelo *sive* Charles Borg

## Ġurament Falz - Dikjarazzjoni Falza lill-Awtorità Pubblika - Karta ta' l-Identità - Sentenza Sospiża

*Fil-każ ta' l-artikolu 108 (1) tal-Kodiċi Kriminali, li jitkellem dwar li wieħed "jaħlef il-falz quddiem maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament", dak li trid tipprova l-prosekuzzjoni hu li min amministra l-ġurament kellu s-setgħa bil-liġi li jagħmel hekk. Fin-nuqqas ta' xi disposizzjoni ta' liġi li tipprovdi li persuna partikolari - jew persuna li tokkupa xi kariga partikolari - għandha tali setgħa, din is-setgħa tingħata permezz ta'* warrant *maħruġ taħt l-artikolu 3 tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan il-*warrant *ma jammontax għal liġi iżda huwa fakultà mogħtija lil persuna partikolari li tamministra l-ġuramenti; u għalhekk trid issir il-prova ta' din il-fakoltà hekk mogħtija.*

*Bil-kliem "vantaġġ jew benefiċċju" il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fehmet xi vantaġġ jew benefiċċju li wieħed ikun legalment intitolat għalih kemm-il darba jikkonkorru ċerti ċirkostanzi, bħal, per eżempju, xi benefiċċju tas-sigurtà soċjali, eżenzjoni minn taxxa, eċċ. Il-ħruġ ta' karta ta' l-identità ġdida mhi la vantaġġ u anqas*

*benefiċċju, iżda hija s-setgħa mogħtija lill-awtorità pubblika li tikkorrispondi ma' l-obbligu li wieħed għandu li jkun fil-pussess ta' karta ta' l-identità kif ipprovdut fil-Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta. Anqas huwa "vantaġġ jew benefiċċju" li wieħed ikun jista', bil-ħruġ ta' karta ta' l-identità ġdida, jiżvija jew jinganna lil ħaddieħor.*

*L-artikolu 28H (1) tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar serq, riċettazzjoni u frodi, iżda jitkellem ukoll dwar "qligħ ieħor kontra l-liġi". B'dawn il-kliem il-leġislatur ma riedx jintrabat ma' xi reat partikolari; dak li hu neċessarju hu li jkun hemm vjolazzjoni tal-liġi li bħala riżultat dirett ikollha l-qligħ għall-ħati b'dannu għal ħaddieħor - il-parti offiża.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Vincent Grima, Mario Camilleri u Carmelo *sive* Charles Borg talli f'dawn il-Gżejjer, matul ix-xhur qabel id-19 ta' April, 1995 b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) għamlu falsifikazzjoni fi skritturi kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew billi daħħlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi f'dawk l-iskritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu fatti illi dawk l-iskritturi kellhom ikollhom fihom, u, aktar, talli xjentement għamlu użu mill-imsemmija skritturi falsifikati (artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9); (2) iffalsifikaw dokumenti illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas jew jiġbor depożitu minn bank, u ċjoè billi ffalsifikaw il-firem ta' diversi terzi persuni fuq ċekkijiet li kienu pagabbli lill-istess terzi u aktar, talli xjentement għamlu użu mill-imsemmija dokumenti ffalsifikati (artikoli 167 u 169); (3) b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz,

jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' krediti immaġinarji, għamlu qligħ (i) ta' Lm7862.70 (Vincent Grima waħdu) u (ii) ta' Lm2041.36 (Camilleri u Borg flimkien) u dan permezz ta' sitt ċekkijiet maħruġa fuq akkont tal-Kooperattiva ta' min Irabbi l-Majjal Ltd., pagabbli lil terzi, u li kienu ġew misruqa, iffalsifikati u msarrfa l-bank, bi ħsara ta' l-istess Kooperattiva (artikoli 308 u 309); lil Vincent Grima waħdu talli fl-istess żmien u lok (4) għamel falsifikazzjoni fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat u aktar talli xjentement għamel użu minnha, a tenur ta' l-artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9; (5) iffalsifika dokument illi meta jiġi ppreżentat wieħed jista jirċievi bih ħlas jew jiġbor depożitu minn bank, u aktar talli xjentement għamel użu mill-imsemmi dokument iffalsifikat a tenur ta' l-artikolu 167 u 169 tal-Kap. 9 u ċjoè iffalsifika l-firma ta' Joseph Mercieca fuq ċekk misruq fuq akkont ta' l-istess Joseph Mercieca u dan sabiex sarraf l-istess ċekk f'bank; (6) b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' krediti immaġinarji, u ċjoè, billi għamel użu ta' ċekk iffalsifikat, għamel qligħ ta' Lm1500 bi ħsara tal-Bank of Valletta Ltd. u ta' Joseph Mercieca; (7) ħalef falz quddiem uffiċjal li kellu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, liema ġurament kien meħtieġ mil-liġi (artikolu 108 tal-Kap. 9), u aktar talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement ta tagħrif falz, u dan fir-rigward ta' ħruġ ta' karta ta' l-identità ġdida f'ismu wara li ddikjara li kienet nieqsa (artikolu 188 tal-Kap. 9);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta' Mejju, 1997 li fiha dik il-Qorti qalet hekk għal dak li jirrigwarda ħtija:

"... filwaqt li tara li fil-konfront ta' l-imputati kollha ma tirriżultax l-imputazzjoni ta' frodi taħt l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, ma ssibhomx ħatja ta' l-istess u kwindi qiegħda tilliberahom minnha, tara li fil-konfront taż-żewġ imputati Mario Camilleri u Charles Borg jirriżultaw ippruvati skond il-liġi l-imputazzjonijiet taħt l-artikoli 183, 184, 167, 169 u 18 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk qiegħda ssibhom ħatja ta' l-istess u fil-konfront ta' l-imputat Vincent Grima tara li jirriżultaw ippruvati skond il-liġi l-imputazzjonijiet taħt l-artikoli 183, 184, 167, 169, 18, 108, 109 u 188 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk qiegħda ssibu ħati ta' l-istess";

Dik il-Qorti mbagħad għaddiet biex tikkundanna lil Vincent Grima, Mario Camilleri u Carmelo *sive* Charles Borg għall-piena ta' sentejn priġunerija kull wieħed sospiżi għal erba' snin skond l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28H (1), (2) ta' l-istess Kodiċi kkundannat (a) lil Borg u Camilleri sabies "solidalment bejniethom" iħallsu s-somma ta' Lm2041.36 fi żmien sitt xhur lill-Kooperattiva ta' min Irabbi l-Majjal Ltd. u (b) lil Vincent Grima sabiex, ukoll fi żmien sitt xhur, iħallas Lm1500 lil Joseph Mercieca jew lil Bank of Valletta Ltd. u Lm7862.70,8 lill-imsemmija Kooperattiva; fl-aħħarnett dik il-Qorti imponiet fuq Vincent Grima interdizzjoni ġenerali kif ukoll interdizzjoni milli jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja u bħala perit, f'kull każ li jkun, għall-perijodu ta' għaxar snin u dan skond l-artikolu 109 (1), (2) tal-Kap. 9;

Rat ir-rikorsi ta' appell ta' l-imsemmija Vincent Grima, Mario Camilleri u Carmelo *sive* Charles Borg, it-tlieta li huma ppreżentati fit-28 ta' Mejju, 1997, li permezz tagħhom talbu r-riforma ta' l-imsemmija sentenza, kull wieħed in kwantu tikkonċerna lilu;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 1997; ikkunsidrat:

L-ewwel li ser jiġi kkkunsidrat hu l-appell ta' Vincent Grima. L-ewwel aggravju ta' dan l-appellant hu, bażikament, li ma ġiex ippruvat ir-reat ta' ġurament falz għax ma ġiex ppruvat li ġie amministrat lilu l-ġurament minn persuna li kienet awtorizzata skond il-liġi li tagħmel hekk. Dana l-aggravju ser jiġi akkolt. L-artikolu 108 (1) tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar li wieħed "jaħlef il-faz quddiem maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament". Fil-każ in diżamina, il-prosekuzzjoni qed tallega li Grima ħa ġurament falz meta ġie mitlub jagħmel affidavit quddiem uffiċjal addett ma' l-*Identity Cards Division*. In sostenn ta' din l-allegazzjoni pproduċiet lil P.C. 1317 Francis X. Mangion (fol. 110) li esebixxa vera kopja fotostatika ta' l-afidavit allegatament magħmul minn Grima fit-23 ta' Jannar, 1995 u ta' l-irċevuta għall-ħlas għal dan l-affidavit. Però dak li trid tipprova l-prosekuzzjoni hu li min amministra l-ġurament lil Grima kellu s-setgħa bil-liġi li jagħmel hekk. Mid-deposizzjoni ta' l-imsemmi P.C. Mangion mhux ċar jekk kienx dan l-istess Mangion li amministra dana l-ġurament; però anke li kieku kien dan il-kuntisabbli li amministra l-ġurament lil Grima minn imkien ma jirriżulta li hu kellu s-setgħa bil-liġi li jagħmel hekk. Fin-nuqqas ta' xi disposizzjoni ta' liġi li tipprovdi li persuna partikolari - jew persuna li tokkupa xi kariga partikolari - għandha tali setgħa, din is-setgħa tingħata permezz ta' *warrant* maħruġ taħt l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79). Dan il-*warrant* ma jammontax għal liġi iżda huwa biss fakultà mogħtija lil persuna partikolari li tamministra l-ġurament; u għalhekk trid issir il-prova ta' din il-fakultà hekk mogħtija. Fil-każ in diżamina tali prova ma saritx, u konsegwentement anke jekk Grima qal il-falz, ma jistax jingħad li ħa ġurament falz;

It-tieni aggravju ta' l-appellant Grima hu li ma jiffigurax ir-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, li tiegħu l-Ewwel Qorti sabitu ħati. Dan l-aggravju ukoll ser jiġi akkolt. L-Ewwel Qorti jidher li rravviżat "il-vantaġġ jew benefiċċju" msemmi f'dana l-artikolu fil-fatt li l-imsemmi Grima mar jirrapporta li kien tilef il-karta ta' l-identità tiegħu u talab li tinħariġlu oħra biex b'hekk ikun jista' jagħti x'jifhem li kienet il-persuna li sabet il-karta ta' l-identità oriġinali tiegħu li kienet qed issarraf iċ-ċekkijiet iffalsifikati, u mhux hu. Bil-kliem "vantaġġ jew benefiċċju" ("*advantage or benefit*" fit-test Ingliż) din il-Qorti tifhem xi vantaġġ jew benefiċċju li wieħed ikun legalment intitolat għalih kemm-il darba jikkonkorru ċerti ċirkostanzi, bħal, per eżempju, xi benefiċċju tas-sigurtà soċjali, eżenzjoni minn taxxa, eċċ. Il-ħruġ ta' karta ta' l-identità ġdida mhi la vantaġġ u anqas benefiċċju, iżda hija s-setgħa mogħtija lill-awtorità pubblika li tikkorrispondi ma' l-obbligu li wieħed għandu li jkun fil-pusssess ta' karta ta' l-identità kif ipprovdut fl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identità (Kap. 258). Anqas huwa "vantaġġ jew benefiċċju" fis-sens aktar 'il fuq imfisser li wieħed ikun jista', bil-ħruġ ta' karta ta' l-identità ġdida, jiżvija jew jinganna lil ħaddieħor, inkluża l-pulizija. Għal dak li għamel l-appellant kellu jiġi akkużat bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 14 (2) (b) tal-Kap. 258 u mhux bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali;

Fl-aħħarnett l-appellant Grima jilmenta mill-ordni dwar restituzzjoni jew kumpens magħmul fil-konfront tiegħu taħt l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali. Hu jikkontendi li biex ikun hemm tali ordni jrid ikun hemm sejbien ta' ħtija għal serq, riċettazzjoni jew frodi - u ta' ebda wieħed minn dawn hu ma nstab ħati - jew li l-qligħ "ikun speċifikatament parti mill-ingredjent tar-reat kommess". Din il-Qorti ma taqbilx. L-artikolu 28H (1) jitkellem, veru, dwar serq, riċettazzjoni u frodi, iżda jitkellem ukoll dwar "qligħ ieħor kontra l-liġi". B'dawn il-kliem il-leġislatur ma riedx jintrabat ma' xi reat partikolari, dak

li hu neċessarju hu li jkun hemm vjolazzjoni tal-liġi li bħala riżultat dirett ikollha l-qligħ għall-ħati b'dannu għal ħaddieħor - il-parti offiża. Fil-każ in diżamina ċertament kien hemm dana l-qligħ meta l-appellant xjentement għamel użu minn ċekkijiet iffalsifikati, u dana bi ħsara tal-Kooperattiva msemmija kif ukoll ta' Joseph Mercieca u tal-Bank of Valletta. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi respint;

L-aggravji ta' l-appellanti Camilleri u Borg huma identiċi, u ser jiġu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju tagħhom hu fis-sens li kemm Emily Muscat kif ukoll Raymond Vella kienu, se mai, kompliċi magħhom (i.e. ma' Borg u Camilleri) u x-xiehda tagħhom ma kinitx ikkorroborata skond il-liġi. Dan l-aggravju ser jiġi respint. Ma hemm xejn x'jindika li Muscat kienet konsapevoli li ċ-ċekk li hi ngħatat biex issarraf kien ta' provenjenza illeċita jew li altrimenti kellu xi ħaġa rregolari. U anke jekk, in pessima ipotesi, hi kienet hekk konsapevoli, ċertament, b'ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li Raymond Vella, li kien sempliċement akkumpanja lil Muscat fil-karozza ma' Borg u Camilleri, kien ukoll kompliċi. Dan kien sempliċement spettatur passiv ta' dak li kien qed jiġri, u bid-deposizzjoni tiegħu hu jikkorrobora f'ċirkostanzi materjali d-deposizzjoni ta' Emily Muscat kif trid il-liġi fl-artikolu 639 (3) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk dan l-ewwel aggravju qed jiġi respint;

It-tieni aggravju hu *li ċ-ċekk in kwistjoni ma kienx* jammonta għal skrittura kummerċjali jew ta' bank privat u li għalhekk l-artikoli 183 u 184 ma kinux applikabbli. L-appellanti qed jirreferu għaċ-ċekk ta' *Lm2041.36,0 maħruġ mill-*Kooperattiva ta' min Irabbi l-Majjal Ltd. a favur Joe Xuereb fuq il-kont tal-Kooperattiva mal-Mid-Med Bank Ltd. fil-fergħa ta' 19, Cross Road, il-Marsa (ara Dok. A a fol. 42). *Frankament din* il-Qorti ma tarax għala dana ċ-ċekk mhuwiex skrittura kummerċjali; iċ-ċekk ċertament kien jirrappreżenta l-

korrispettiv għal transazzjoni kummerċjali bejn Joe Xuereb u l-Kooperattiva u f'dak is-sens għalhekk kien ukoll skrittura kummerċjali għall-finijiet ta' l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi respint;

It-tielet aggravju ta' Camilleri u Borg hu li mill-provi "ma jirriżultax sal-grad rikjest mil-liġi illi l-falsifikazzjoni fuq iċ-ċekk meritu ta' dawn il-proċeduri" saret minn xi wieħed minnhom u li għalhekk, skond huma, ir-reat taħt l-artikolu 167 ma jirriżultax. Għalkemm fil-parti dispositiva tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti aktar 'il fuq ċitata hemm ikkwotati l-artikolu 167 kif ukoll l-artikolu 183 (u dan kemm fil-konfront ta' l-appellanti Camilleri u Borg kif ukoll fil-konfront ta' l-appellant Grima), jekk wieħed jaqra sew is-sentenza jinduna li l-Ewwel Qorti ma riditx tgħid li qed issib lit-tlett appellanti ħatja li huma ffalsifikaw iċ-ċekkijiet in kwistjoni, iżda biss li xjentement għamlu użu minnhom. Ir-referenza għall-artikoli 167 u 183 kienet se mai neċessarja għas-sempliċi raġuni li l-artikoli 169 u 184 proprju jagħmlu referenza għad-dokumenti ffalsifikati msemmija fl-artikoli 167 u 183 rispettivament. Però l-mod kif inhu redatt il-paragrafu ċitat iwassal għall-konklużjoni li t-tlieta li huma qed jinstabu ħatja ukoll li effettivament iffalsifikaw iċ-ċekkijiet. Dan il-punt ser jiġi kkjarit fid-decide ta' din is-sentenza;

Aggravju ieħor ta' l-appellanti Borg u *Camilleri hu*, bażikament li ma ġiex ippruvat sal-grad li trid il-liġi li huma kienu jafu li ċ-ċekk in kwistjoni kien iffalsifikat. Din il-Qorti, però, tara li mill-kumpless tal-provi dana l-aggravju hu infondat. Kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, kien proprju għax kienu jafu li kien hemm xi ħaġa rregolari f'dan iċ-ċekk li huma nqdew b'Emily Muscat biex isarrfuh. L-Ewwel Qorti kellha quddiemha ċirkostanzi biżżejjed li a bażi tagħhom setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha;

L-aħħar aggravju ta' dawn iż-żewġ appellanti hu li l-piena kienet eċċessiva u li, fi kwalunkwe każ, ma kienx applikabbli fil-każ tagħhom l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri l-figura tar-reat kontinwat. In kwantu ma kienx applikabbli l-artikolu 18 l-appellanti għndhom raġun stante li fil-każ tagħhom kien hemm l-użu xjenti ta' ċekk wieħed biss f'okkażjoni waħda (u dan a differenza mill-każ ta' Vincent Grima). Kwantu għall-piena, però, din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kienet waħda ġusta;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, kwantu jirrigwarda lill-appellant Grima, (1) tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet taħt l-artikoli 183, 167, 108, 109 u 186 tal-Kodiċi Kriminali, u tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet; (2) tħassaraha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ġiet imposta fuqu l-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bħala xhud u bħala perit, għall-perijodu ta' għaxar snin, kwantu għall-appellanti Camilleri u Borg; (3) tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabithom ħatja ta' l-imputazzjonijiet taħt l-artikoli 183, 167 u 18 tal-Kodiċi Kriminali u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. It-terminu ta' sitt xhur għar-restituzzjoni jew kumpens kif ukoll il-perijodu operattiv ta' erba' snin, jibdew jiddekorru mil-lum;

Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur għall-annotazzjoni meħtieġa skond l-artikolu 28A (8) tal-Kodiċi Kriminali.